# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-12 ta' Novembru 2019**

Appell numru 152 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Anthony GALEA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-22 ta' Marzu 2017 fil-konfront ta' Anthony GALEA, karta tal-identità bin-numru 315169M li ġie mixli:

   Talli nhar il-15 ta' Marzu 2016 għall-ħabta ta' 13:00hrs u fi ġranet ta' qabel waqt li kien qiegħed fl-inħawi ta' Ħ'Dingli Cliffs, ħa jew ipprova jieħu xi għasafar, matul l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar u dan bi ksur tar-Reg 18 (1) (c), L.S. 504.71.

   Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qiegħed jonsob mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Reg 12 (1) tal-A.L. 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha; Reg 4 (1) (a) tas-SL 504.71.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi uża jew żamm kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa projbit taħt is-subregolament (1) ta' regolament 7 tal-L.S. 504.71 u dan bi ksur ta' regolament 7 (2) tal-L.S. 504.71.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża xi lixki ta' għasafar protetti u dan bi ksur ta' regolamenti 7 (1) (i) tal-L.S. 504.71.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

2. Permezz tas-sentenza uffiċjali, stampata u iffirmata mill-Maġistrat li ppresjeda l-kawża aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat l-atti kollha tal-kawża, id-dokumenti kollha esebiti u semgħet lill-partijiet, u wara li rat ir-Regolamenti 4 (1)(a), 7(1)(i), 18(1)(c), L.S.504.71, ir-regolament 12 (1) tal-Avviż Legali 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71 u subregolament (1) tar-regolament 7 tal-L.S. 504.71 u r-regolament 7(2), ma sabitx lill-imputat ħati tat-tielet u r-raba' akkuża, ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tal-imputat għar-rigward tal-ħames akkuża u sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni akkuża, ikkundannatu multa ta' elf Ewro, issospendietlu l-liċenzja għal żmien sentejn mil-lum kif ukoll ordnat il-konfiska tal-iskrataċ

esebiti. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza fi kliem ċar lill-imputat.

3. Illi minn din is-sentenza Anthony GALEA interpona appell permezz ta' rikors datat 3 ta' April 2017 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu l-esponenti ma ġiex misjub ħati tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet, u li minnhom illiberatu u tirrevokaha kwantu l-esponenti nstab ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull piena u fil-każ li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija tal-esponenti, li tvarja l-piena nflitta għal piena oħra inqas skont il-liġi.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

**1. <u>Apprezzament tal-Provi</u>**

Fl-umli fehma tal-esponent, l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux b'mod spezzettat u individwali iżda l-provi għandhom jiġu analiżżati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab ħtija sempliċiment fuq analiżi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Magħdud ma' dan, issir riferenza għal deċiżjoni fl-ismijiet '**il-Pulizija vs Joseph Darmanin**' fejn il-Qorti qalet li l-Prosekuzzjoni trid iġġib *"provi diretti jew provi ċirkostanzjali univoċi – li għandhom jistgħu jkunu biżżejjed biex iwassluk għall-konklużjoni loġika u intelliġenti – li ma jħallu ebda dubju li persuna kienet qed tikkaċċja."*

Fil-fatt, huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar prova sabiex tikkonvinċi 'l-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-esponenti huma veritieri. Kif jgħid **Manzini** fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV paġna 234, Edizione, 1890:

> *"Il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Fil-każ odjern, għalkemm fl-affidavit ta' PS 645 kif ukoll fl-Incident Report maħruġ mill-CABS – Committee Against Bird Slaughter issir referenza għal filmat li ġie miġbud minn Ms. Barrows, dan il-filmat qatt ma ġie muri

quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Bla ebda dubju, dan il-filmat kien ikun l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni kellha obbligu legali li tressaq u dan in linea mal-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali.

Di piu', la mill-imsemmi Investigation Report u lanqas minn xi prova oħra ma jirriżulta illi effettivament l-appellant kien qiegħed jikkaċċja. Fil-fatt fl-Investigation Report huwa sostnut illi:

> *"The suspects were inside the hide of the trapping site which had caged finch decoys…"*
> *"After a few minutes, I filmed as one man exited the trapping hide (suspect 1) and went behind, out of view, at the moment another man (suspect 3) appeared from the other side of the trapping site and entered the trapping hide carrying a bag"*

Issir referenza wkoll għal-liġi nostrana fejn "kaċċa" hija definita bħala "**tikkaċċja jew tuża arma tan-nar jew arma oħra ta' kull tip sabiex tikkaċċja**". Għaldaqstant minn imkien ma jemerġi u ċertament mhuwiex ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dan joħroġ biċ-ċar, illi l-appellant kien qiegħed jonsob jew jikkaċċja.

Bir-rispett kollu, illi għalkemm ir-ritratti li ġew esebiti l-Qorti juru li l-appellant kellu gabjetta f'idejh, dan ma jfissirx illi huwa kien qiegħed jikkaċċja jew jonsob anzi juri l-oppost. Fiona Barrows sia fir-rapport tagħha u sia fuq il-pedana tax-xhieda tisħaq li Suspect 2 ossia l-esponenti, qatt ma ratu jonsob jew jagħmel xi preparamenti għall-insib u tgħid biss li ratu b'gabjetta f'idu.

B'hekk jistaqsi l-esponenti, leġittivament u raġjonevolment kif qatt seta' huwa jinstab ħati meta min irrapporta l-każ ossia x-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni tiskulpah mill-aġir ta' insib illegali?

**Archbold** fil-ktieb tiegħu Criminal Practice (1997 edition para 10-3) b'referenza għal dak li qal **Lord Normand** fil-każ, **Teper v R** (1952) jgħid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."*

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Nure Kamakam**, il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Ġunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg** fejn kien ġie ritenut li provi jew indizzji ċirkostanzjali għandhom ikunu univoci, ċioe mhux ambigwi. Dawn l-indizzji għandhom ikunu evidenti li "**jorbtu lill-akkużat mar-reat, u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-ħati u li l-provi li jiġu mressqa jkunu inkompatibbli mall-presunzjoni tal-innoċenza tiegħu**".

Illi l-Ewwel Qorti erronjament qieset ir-ritratt li nġibdu minn Ms. Burrows bħala provi indizzjarji univoci u jwasslu għal konklużjoni waħda. Bir-rispett kollu, pero' l-esponent ma jista' jaqbel ma' tali ġudizzju. Issir hawn referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Gauci** fejn spjegat li

> "*Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of providing a proposition with the accuracy of mathematics.*"

Fl-umli fehma tal-appellant, ir-ritratti li nġibdu u li fihom huwa jidher bil-gabbjetta f'idejh m'għandhomx jitqiesu bħala prova ċirkostanzjali li twasslu għal sejbien ta' ħtija, dan għaliex il-Prosekuzzjoni naqset milli tgħaqqad l-indizzji ċirkostanzjali flimkien u konsegwentament tifforma sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li jwasslu għad-direzzjoni li l-esponenti kien qiegħed hemm għall-insib. Minn dawn il-provi, veru jidher li l-esponent kien qiegħed Ħad Dingli b'gabbjetta f'idejh madanakollu, dan ma jfissirx li kirn hu illi effettivament kien qiegħed jonsob!

Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-fehma li ma nġabet l-ebda prova, [għaliex ma teżistix tali prova], li b'xi mod jew ieħor turi li l-appellant kien qiegħed jonsob. Stante li fil-kamp penali l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u li fil-każ de quo tali grad ma ntlaħaqx, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt issib lill-esponenti ħati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra tiegħu.

**2. <u>Dwar il-Piena</u>**

Dan l-aggravju qiegħed jinġab 'il quddiem mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċedenti. L-esponent jemmen bis-sħiħ illi l-piena ta' elf ewro (€1000), kif ukoll sospensjoni tal-liċenzja għal perjodu ta' sentejn imposta fuqu mill-Ewwel Qorti huma manifestament sproporzjonati.

Illi għalkemm il-ġudikant fil-kalibrar tal-piena jrid jieħu in konsiderazzjoni l-patt tar-reat fuq is-soċjeta' u r-reazzjoni tal-istess soċjeta', il-ġudikant ma jistax jissodisfa l-għajta tal-pubbliku inġenerali. Fil-każ **R vs Sargeant**, Lord Justice Lawton qal,

> "**Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion**".

Illi l-artikolu 27 tal-**L.S 504.71**, titratta dwar ir-reati u l-pieni f'ċirkostanza li persuna tkun instabet ħatja mill-Qorti ta' xi ksur ta' disposizzjoni ta' din l-istess liġi. Fil-fatt, dan l-artiklu jistipula,

> "(3) Kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament ieħor mhux imsemmi fis-subregolament (2) u l-proviso tiegħu rispettivament teħel meta tinsab ħatja:
> (a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);
> (b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti
> Iżda l-Qorti tista' wkoll tordna s-sospensjoni tal-liċenza jew tal-permess maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sena iżda mhux aktar minn tliet snin…"

Illi minħabba l-fatt li dan l-artikolu ma jistipulax l-ammonti fissi għal kull reat, il-leġislatur ikun qiegħed iħalli f'idejn il-ġudikant sabiex wara li jara ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ, jimponi piena idoneja.

Apparti l-fatturi su riferiti, skont *Outlines of Criminal Law*, Kenny jgħid li l-Qorti trid tikkunsidra l-karattru tal-ħati, kif ukoll:

> **(1) "of his age, health and sex;**
> **(2) of his rank, education, career and disposition;**
> **(3) of his motive;**
> **(4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted;**
> **(5) of his susceptibility to punishment…**"

Stante illi l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 27(3)(a) tal-imsemmi Liġi Sussidjarja sabiex tali piena tkun in linea mal-Liġi, jiġi sollevat illi s-sospensjoni tal-liċenzja jew tal-permess maħruġ taħt dawn ir-regolament, m'huwiex wieħed tassattiv, anzi l-Qorti tista', wara li tara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tordna li tali sospensjoni ma sseħħx.

L-esponent dejjem ħadem għall-familja tiegħu, huwa raġel ħabrieki, fejn l-uniku żvog tiegħu huwa proprju l-kaċċa. L-appellant isostni li l-Qorti ma kellhiex timponi tali sospensjoni minħabba l-fatt li din kienet l-ewwel okkażżjoni fejn huwa ġie akkużat b'akkużi ta' dan it-tip, għaldaqstant huwa għandu jitqies bħala *first time offender* ai fini u l-effetti kollha tal-liġi. Barra minn hekk, l-esponent ikkolabora mal-Pulizija, u dan huwa evidenti mill-affidavit ta' PS645. Di piu', l-appellant jikkontendi li piena pekunjarja fil-minimu permessibbli mil-liġi mingħajr is-sospensjoni ċertament kienet tkun piena idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Illi magħdud ma' dan, issir referenza għall-omelija tal-Isqof ta' Għawdex Mario Grech, waqt quddiesa b'suffraġju tas-saċerdoti li ħadmu fl-Oratorju Don Bosco, fil-25 ta' Novembru 2015, fejn qal li,

> *"Għalkemm il-ġustizzja hija kejl meħtieġ għas-soċjeta', l-esperjenza tixhdilna li bil-ġustizzja biss ma rnexxilniex inġibu l-ordni u l-paċi. Għalkemm għandna l-qrati bħala strutturi li jiggarantixxu l-ġustizzja,* ***mhux biss ħafna feriti ma jagħlqux, imma xi drabi l-istess strutturi jikkawżaw ġerħat oħra****."*

Filwaqt li l-Isqof ta' Għawdex Mario Grech waqt il-Gradwazzjoni tal-istudenti tal-ħames sena tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesu' nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016 qal:

> *"Iċ-ċivilta' tagħna temmen ħafna bil-liġijiet. Kollox huwa ddettat mil-liġi. Għall-kotra, li tkun ġust ifisser li timxi skont il-liġi, u l-kunċett ta' ġustizzja huwa wieħed legali.... Ħafna drabi ninsew li the law can be an ass u l-applikazzjoni tagħha tikkawża inġustizzja flok ġustizzja. Cicerun kien jgħid li "summum ius, summa injuria" –* ***fis-sens li meta jkun hemm applikazzjoni riġida tal-liġi, taf issir inġustizzja****"*.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi meta din il-Qorti ġiet biex tanalizza sewwasew il-meritu ta' dan il-każ u fir-rigward ta' liema reati l-appellant ġie misjub ħati, din il-Qorti rat li f'dan il-każ, kien hemm diskrepanza serja bejn il-verżjoni tas-sentenza stampata u ffirmata mill-Maġistrat li ppresjeda dik il-kawża u kif tirriżulta a fol 25 tal-proċess u l-annotamenti li kien għamel il-Maġistrat *di proprio pugno* fuq il-komparixxi a fol 2 tal-proċess.

5. A fol 2 tal-proċess hemm imniżlin is-segwenti annotamenti –

> 4 u 5 – liberat
> 1, 2 u 3 – multa €1000
> Sospensjoni liċenza sentejn

6. Mill-banda l-oħra fil-verżjoni uffiċjali tas-sentenza stampata, il-parti dispożittiva taqra hekk :

> Din il-Qorti filwaqt li mhux qed issib lill-imsemmi imputat Christopher Cilia, hati tat-tielet u r-raba' akkuza, hadet konjizzjoni tal-ammissjoni tal-imputat ghar-rigward tal-hames akkuza u ssibu hati tal-ewwel u t-tieni akkuza, tikkundannah multa ta' elf Ewro, tissospendilu l-licenzja ghal zmien sentejn mil-lum kif ukoll tordna l-konfiska tal-iskratac ezebiti.

7. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti hija konfrontata bil-kopja tas-sentenza uffiċjali li l-parti dispożittiva tagħha tirreferi għall-imputat bl-isem ta' Christopher Cilia, li ġie misjub mhux ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni filwaqt li l-Qorti "ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tal-imputat għar-rigward tal-ħames akkuza" (sic imputazzjoni) u wkoll ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet. Dan jista' jkun *lapsus calami vel computeri* magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta ġiet biex toħroġ il-kopja stampata tas-sentenza.

8. Minbarra dan, il-parti dispożittiva huwa evidenti mhux biss li ma taqbilx ma' dak miktub *di proprio pugno* mill-Maġistrat, iżda filwaqt li fis-sentenza hemm miktub li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tal-imputat għar-rigward tal-ħames akkuża, ma jirriżultax li kien hemm ammissjoni għaliha, apparti l-fatt li anke jekk kien hemm, il-Qorti ma ddikjaratx li kienet qed issib lill-imputat ħati jew mhux tal-ħames imputazzjoni.

9. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Albert Bezzina*** deċiża nhar il-25 ta' Lulju 1994 dik il-Qorti kienet ġiet rinfaċċjata b'talba għal nullita tas-sentenza peress li fuq il-komparixxi il-Maġistrat ma kienx indika l-artikoli tal-Liġi li joħolqu r-reat mentri dawn l-artikoli kienu ġew riprodotti fil-kopja tas-sentenza li ġiet pubblikata mir-Reġistratur. Dik il-Qorti kienet ċaħdet dak l-aggravju tan-nullita tas-sentenza wara li kkunsidrat li:-

> Fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li la l-artikolu 377(1) u anqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-maġistrat; dak li trid il-liġi hu li dak li **jgħid** il-maġistrat meta jagħti s-sentenza jiġi reġistrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak li hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-maġistrat, mhux is-sentenza, u bejn dawk l-appunti u l-kopja uffiċjali tas-sentenza kif tidher a fol 15 ma hemmx kontradizzjonijiet.

10. Fil-każ in disamina pero jirriżulta li hemm diskrepanza kbira bejn dak li qal, jew ried jgħid il-Maġistrat fin-notamenti tiegħu għal dak li hemm miktub fis-sentenza uffiċjali. Il-ġurisprudenza Maltija ma tqisx l-annotamenti fuq il-komparixxi magħmula mill-Maġistrat bħala li huma s-sentenza. Il-ġurisprudenza trid li dak li jkun hemm fin-notamenti tal-Maġistrat pero, jiġi rifless fis-sentenza. Tant hu hekk li l-każ ***Bezzina*** jgħallem li meta fuq l-annotamenti tal-Maġistrat fuq il-komparixxi jkun hemm dettalji nieqsa, li iżda jsibu ruħhom miktuba fis-sentenza (stampata), tali diskrepanza ma titqiesx bħala forma ta' nuqqas ta' formalita sostanzjali li ġġib in-nullita tas-sentenza. Dan peress li l-appunti tal-Maġistrat, appuntu, ma humiex is-sentenza u għalhekk mhux tenuti li jirrispettaw il-vot tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. L-importanti huwa li s-sentenza uffiċjali tkun tirrispetta r-rekwiżiti kollha tal-artikolu 382

tal-Kodiċi Kriminali. Dan japplika b'mod partikolari meta ma jkunx hemm kontradizzjoni bejn l-annotamenti tal-Maġistrat u dak li jkun miktub, jew stampat fis-sentenza.

11. F'dan il-każ partikolari, tirriżulta kontradizzjoni bejn il-parti dispożittiva tal-kopja uffiċjali tas-sentenza, ma dak misjub miktub fl-appunti tal-Maġistrat. Is-sitwazzjoni hija aktar kumplikata f'dan il-każ minħabba l-fatt li fis-sentenza stampata l-imputat huwa riferit bħala Christopher Cilia, mentri f'dan il-każ, l-appellant jismu Anthony Galea. Inoltre, kemm din is-sentenza kif ukoll l-appunti tal-Maġistrat huma t-tnejn li huma iffirmati minnu. U ebda waħda minnhom ma hija ffirmata mid-Deputat Reġistratur. Dawn huma nuqqasijiet li magħquda kollha flimkien jirrendu s-sentenza inċerta u jġibu magħhom konsegwenzi, anke jekk huma frott ta' *lapsus*.

12. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Raymond Parnis*** deċiża nhar l-4 ta' Marzu 2011 ġie deċiż li hija l-kopja uffiċjali maħruġa mid-Deputat Reġistratur hi dik li tagħmel stat fil-konfront ta' terzi u mhux l-appunti miktuba mill-Maġistrat fuq iċ-ċitazzjoni. Anzi fis-sentenza fl-ismijiet Il-***Pulizija vs. Nazzareno Camilleri*** deċiża nhar il-31 t'Ottubru 2013 din il-Qorti diversament presjeduta kienet marret oltre minn hekk meta waslet għad-deċiżjoni tan-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati wara li, *inter alia*, iddeċidiet li l-kopja tas-sentenza li tagħmel stat fil-konfront tal-partijiet hija dik iffirmata mid-Deputat Reġistratur u mhux dik iffirmata mill-Maġistrat; u żiedet li l-appunti tal-Maġistrat jibqgħu proprjeta tal-Maġistrat li

jkun kitibhom u xejn aktar. Din is-sentenza ***Camilleri*** ingħatat fuq l-iskorta ta' dak deċiż minn din il-Qorti preċedentement fil-kawża ***Bezzina*** aktar il-fuq imsemmija.

13. F'dan il-każ in disamina, is-sentenza uffiċjali tal-Qorti mhix iffirmata mid-Deputat Reġistratur; iżda kemm is-sentenza stampata[1] kif ukoll l-appunti tal-Maġistrat[2] huma iffirmati mill-Maġistrat, minkejja l-partijiet dispożittivi ma jaqblux bejniethom.

14. Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Brian Micallef***[3] daħlet fuq il-punt dwar dan l-aspett tal-kontradittorjeta bejn dak miktub fis-sentenza stampata u dak miktub *di proprio pugno* mill-Maġistrat, u proċediet biex annullat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati wara li, *inter alia*, kkunsidrat li:

> Fil-kaz tal-lum il-fatti huma miktuba fuq ic-citazzjoni u għalhekk tista' tapplika l-prattika t'hawn fuq.
>
> Izda l-appellant jillamenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma semmietx jekk l-appellanti huwiex ħati jew le tal-ħames imputazzjoni.
>
> Issa fis-sentenza miktuba mill-Ewwel Onorabbli Qorti hemm miktub hekk fuq in-naħa tax-xellug:
>
> 'Stante li l-1, 2,3,u r r-raba' akkuzi gew ippruvati......'.
>
> Izda mbagħad il-Magistrat ziedet 'u l-5' bejn in-numru 4 u l-kelma 'akkuzi'. Għalhekk jidher li skond is-sentenza miktuba l-appellant kien misjub ħati tal-ħames imputazzjoni.
>
> Min-naħa l-oħra, min ħa ħsieb jittajpja s-sentenza kiteb hekk:

[1] A fol 25.
[2] A fol 2.
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Frar, 2011 (Appell Kriminali Numru. 266/2010)

'Stante li l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi gew ippruvati, specjalment mill-affidavit ta' PS 426 u tax-xhud Steve Abela, qed issib lill-imputat Brian Micallef ħati ta' dawn l-akkuzi u tikkundannah multa ta' €570'.

Waqt li jissemma l-artikolu 338(g) tal-Kap 9, li jolqot il- ħames akkuża, fis-silta riprodotta hawn fuq m'hemmx referenza għall-ħames imputazzjoni probabbli għax min ittajpja s-sentenza ma ndunax li l-Maġistrat kienet niżżlet bl-idejn il-frażi 'u l-5' bejn 'in-numru 4' u l-kelma 'akkuzi' fuq iċ-ċitazzjoni u ra l-ewwel erba' numri biss.

Jirriżulta li hemm żewġ verżjonijiet tal-istess sentenza li mhumiex jaqblu għal kollox dwar il-ħames imputazzjoni.

Għaldaqstant il-Qorti qed tannulla s-sentenza mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi fit-3 ta' Ġunju 2010 minħabba dan id-dubju li nħoloq u qed tirrimanda l-atti kollha lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tinstema' l-kawża mill-ġdid sabiex l-appellant ma jkunx ipprivat mid-doppio esame. Qed tirrikomanda wkoll li x- xhieda tkun reġistrata, u f'każ li jkun interpost xi appell, ix- xhieda tkun dattilografata qabel ma jintbagħtu l-atti lill- Qorti tal-Appell Kriminali.

15. Huwa ċar li fis-sentenza ***Micallef***, din il-Qorti qieset li d-diskrepanza bejn l-appunti tal-Maġistrat u dak miktub fis-sentenza kienu jwaslu għal żewġ verżjonijiet differenti ta' dak li l-Maġistrat ried li fl-aħħar mill-aħħar jiddeċiedi. Dan wassal għad-dikjarazzjoni tan-nullita ta' dik is-sentenza.

16. F'dan il-każ in disamina, jirriżulta wkoll li, bħal fil-każ ***Micallef***, hemm kontradizzjoni fil-parti dispożittiva tas-sentenza fis-sens li filwaqt li fil-kopja stampata jirriżulta li l-Maġistrat sab il-ħtija fl-ewwel, fit-tieni u "ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tal-imputat għar-rigward tal-ħames akkuza" li pero ma rriżultat minn imkien u fi kwalunkwe każ ma ssemma' xejn jekk kienx qiegħed isib ħtija jew jillibera mill-ħames imputazzjoni) u illibera mit-tielet u r-raba

imputazzjoni; mentri fil-verżjoni miktuba minn idejh stess tniżżel li huwa sab lill-appellant ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni filwaqt li illibera lill-ħati mir-raba' u mill-ħames imputazzjonijiet.

17. Illi l-ġurisprudenza patrija ma tippermettix li nuqqas formali u proċedurali konsistenti f'kontradittorjeta ta' dan it-tip jiġi sanat in kwantu joħloq wisq dubju u jolqot waħda mill-aktar partijiet importanti fis-sentenza ta' Qorti ta' Ġustizzja Kriminali – jiġifieri fir-rigward ta' liema reati l-imputat ikun ġie misjub ħati tagħhom u liema le. Dan mhux każ ta' xi dettal marġinali jew ċkejken li jista' jiġi rettifikat biex tiġi salvata s-sentenza taħt il-massima *ad salvandum actum consummatum capienda venit interpretatio omnis favorabilis.*

# *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***